**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Rikors Nru.: 88/16**

**Patrick (673060M) u Alenxandra (95862M) konjugi Buttigieg**

**Vs**

**Luke (395487M) u Victoria sive Vicky konjugi Gregory**

**Illum 10 ta' Mejju 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Patrick u Alexandra konjugi Buttigiegipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-28 t'April, 2016 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma li tigi likwidata b'opra ta' periti nominandi u li ma teccedix il-kompetenza taghha, rapprezentanti danni li kkagunawlhom fid-dar tar-residenza taghhom 29, Rose Cottage, Triq Don Luigi Rigord, Pembroke, in segwitu' ghal xoghlijiet esegwiti mill-konvenuti fil-fond attigwu taghhom 31, 'Tamarisk', Triq Dok Luigi Rigord, Pembroke.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-konsult u ittri u l-ispejjez tal-perit li kellu jigi nkarigat mill-atturi, kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta pprezentata minn Luke Gregory fis-26 ta' Mejju, 2016 fejn espona s-segwenti:

1. "Illi l-azzjoni attrici hija intempestiva stante illi l-eccipjenti riedu minn dejjem jinkarigaw nies tas-sengha sabiex jirrimedjaw il-ftit hsarat li gew ikkawzati minhabba xoghol ta' kostruzzjoni li sar biswit il-proprjeta' tal-atturi.

2. Illi l-eccipjenti nkarigaw ukoll il-Perit taghhom sabiex jikkonstata l-hsarat li kien hemm u fil-fatt kien hemm qbil sabiex ix-xoghlijiet rimedjali jinbdew minnufih, u kienu l-atturi tramite l-legali taghhom li talbu li x-xoghlijiet ikunu sospizi sakemm tinghata direzzjoni ohra.

3. Illi l-eccipjenti minn dejjem riedu jinkarigaw nies tas-sengha sabiex jaghmlu dawk ix-xoghlijiet rimedjali, imma l-atturi riedu flus f'idejhom fl-ammont li jaqbez is-sebat elef Ewro (€7000) meta l-ispejjez involuti fil-verita' huma sostanzjalment anqas.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota tal-Perit Tekniku Godwin Abela prezentata nhar l-20 ta' Frar 2017 fejn iddikjara li l-partijiet kienu waslu fi ftehim.

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet prezentata nhar is-26 ta' April 2017 fejn gie dikjarat li l-atturi kienu qed icedu l-atti tal-kawza stante l-premessa li ntlahaq ftehim fil-mori tal-kawza u l-partijiet qablu li l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kawza u tordna li l-ispejjez ta' l-istess jibqghu bla taxxa.**

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.

Magistrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur